**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 739/2015

Numru fuq il-Lista: 11

**GO p.l.c. (C22334)**
f'isimha propju u a nom u in rapprezentanza tas-soċjeta`
**Mobisle Communications Limited (C24655)**
u b'digriet mogħti mit-Tribunal datat il-15 ta' Jannar 2016
l-atti ġew leġittimizzati f'isem is-soċjeta` **GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Audrey Farrugia** K.I. 127772(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' seba' mija u erbgħa u tletin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€734.99), in kwantu għal €672.98 in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack (A/C40032428) u in kwantu għal €62.01 in konnessjoni mas-servizz ta' telefonija ċellulari bin-numru 99280592 (A/C51092266), mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' seba' mija u erbgħa u tletin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€734.99), bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 ta' Lulju 2014 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 1471/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

Av. Nadia H.Vella
Ġudikatur